MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1702/1998/1

**Avviz numru 1702/1998DM**

**“Texarco Lifts Ltd”**

**Vs**

**Nord Management Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ tlett mija u hamsin liri Maltin (Lm350) mill-konvenuti lill-atturi dovuti ghal servizz ta’ tiswija ezegwit mid-ditta attrici, fil-“lifts” fl-Island International Hotel“ fi Triq it-Trill, fil-Qawra, fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez, kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja ta’ Gunju 1998, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Nord Management Ltd fejn eccepiet illi:

1 It-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma ezegwit servizzi ta' tiswija fil-lifts fl-"Island International Hotel", u dan kontra dak li qed jigi allegat fit-talba attrici;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta konvenuta kellha tqabbad terza persuna biex jigu ezegwiti x-xogholijiet ta' tiswija fil-lifts tal-lukanda fuq imsemmija u dan minhabba illi s-socjeta attrici wara perjodu konsiderevoli ta' zmien baqghet ma sabitx il-kawza tal-hsara fil-lifts;
3 Is-socjeta konvenuta qed tirrizerva d-dritt li tiftah kawza ghad-danni minnha sofferti minhabba n-negligenza da parti tas-socjeta attrici li taghmel ix-xogholijiet ta' tiswija fil-lifts fuq imsemmija;
4 Ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta attrici m'huwiex dovut;
5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi pprezentati fit-3 t'April 2003

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta konvenuta pprezentata fil-5 ta' Mejju 2003;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kontendenti kienu ffirmaw kuntratt bejniethom fil-5 ta' Mejju tal-1997 permezz ta' liema l-atturi kienu ntrabtu illi jiehdu hsieb il-manteniment tal-lifts tal-lukanda jestita mill-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena u oltre dan

kienu wkoll obbligati illi jiehdu hsieb ukoll ir-riparazzjonijiet u jghamlu dak ix-xoghlijiet kollha neccessarji skond il-bzonn.

Jirrizulta illi ftit wara illi sar dan il-kuntratt, il-lift zviluppa difett serju u meta l-atturi gew avvicinati biex jghamlu r-riparazzjonijiet, wara diversi spezzjonijiet u attendenzi, l-kumpanija attrici kienet waslet ghal konkluzzjoni illi kien iktar suggerit illi l-parti danneggjata tinbidel milli jsiru riparazzjonijiet fiha.

Evidentement il-bdil ta’ parti mis-sistema elettroniku tal-lift kien jinvolvi spiza illi l-atturi kienu kkalkulaw li tkun ta’ madwar elf u mitejn lira Maltin (Lm1200), u ghalhekk il-konvenuti ghazlu illi ma jghamlux is-sostituzzjoni suggerita mill-atturi izda ghaddew ghar-riparazzjonijiet permezz ta’ kuntratturi ohrajn.

F’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu illi jigu kkumpensati ghall-attendenzi taghhom, pariri tal-impjegati taghhom u anke ghal xogholijiet li kienu jirrigwardaw l-ispezzjoni tal-partijiet danneggjati u l-qlugh taghhom mill-post liema servizzi ma kienux komprizi fil-kuntratt ta’ manteniment iffirmat minnhom li dwaru kienu jithalsu mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena. Ghal dawn is-servizzi huma jippretendu li jithallsu s-somma ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350).

Min-naha l-ohra l-konvenuti jsosstnu illi m’ghandhomx ikunu tenuti illi jghamlu xi pagamenti li jirrigwarda l-operat tal-atturi f’din il-kwistjoni u dana peress illi l-operat ta’ l-atturi mhux biss ma serviex ta’ beneficcju ghall-interess tal-lukanda gestita mill-konvenuti, izda, minhabba l-insistenza taghhom li ma jessegwux ir-riparazzjonijiet, l-atturi kkawzaw dewmien fir-riparazzjoni tal-istess lift bi pregudizzju serju ghal gestjoni ta’ lukanda. Ghalhekk il-konvenuti jsosstnu li m’ghandhomx ikunu tenuti li jhallsu lill-atturi.

Inoltre l-konvenuti jsosstnu illi huma kellhom jesegwixxu riparazzjonijiet permezz ta’ kuntratturi ohra u hallsu l-

ispiza kollha involuta biex saru l-istess riparazzjonijiet minn terzi.

Dawn huma l-posizzjonijiet illi qed jiehdu z-zewg kontendenti.

Minn ezami iktar profond tal-provi jirrizulta wkoll illi effettivament il-konvenuti mhux biss ma qaghdux fuq il-parir tas-socjeta attrici, u ma bidlux l-apparat elettroniku difettuz, izda huma effettivament ghaddew ghat-tiswija tal-istess apparat li gie sussegwentement irriparat, istallat fil-post, u l-lift beda jahdem regolarment.

Ghalhekk kienet x'kienet ir-raguni illi l-kumpanija attrici kienet waslet biex taghti l-parir illi l-apparat difettuz kellhu jinbidel u ma setghax jissewwa, jibqa l-fatt illi dan il-parir ma kienx wiehed korrett ghaliex infatti l-apparat gie effettivament riparat u l-kwistjoni kellha tieqaf hawn.

L-atturi pero jsosstnu li nonostante illi huma, wara li taw il-parir u evidentement ma dahlux biex jeffettaw r-riparazzjonijiet fl-apparat, kienu xorta wahda qed jigu msejha mill-kumpanija konvenuta sabiex jaqilghu l-istess apparat u wara t-tiswisja jergghu jistallawh u kellhom jghamlu diversi attendenzi sabiex jassistu lill-kumpanija konvenuta tesegwixxi r-riparazzjonijiet ghand terzi kif riedu huma.

Izda dan gie kkontestat mill-kumpanija konvenuta. Minn in-naha taghhom dawn isosstnu illi l-attendenzi li saru mill-kumpanija attrici kienu kollha in konnessjoni mat-tentativi taghhom li jippruvaw jghaddu ghar-riparazzjonijiet imma, fin-nuqqas tal-'wiring diagrams' relattivi ghal-apparat difettuz, huma ma setghux jesegwixxu r-riparazzjonijiet li effettivament kienu riparazzjonijiet possibbli ghaliex effettivament saru minn terzi persuni.

Evidentement ghalhekk jispetta lill-kumpanija attrici illi tipprova illi s-servizzi li taghhom tippredendi li ghandha tithallas mhumiex in konnessjoni ma xi tentativi ta' riparazzjonijiet izda huma biss assistenzi u

prestazzjonijiet moghtija lill-konvenuti sabiex dawn setghu jghamlu r-riparazzjonijiet bl-opera ta' kuntratturi ohrajn.

Mhuwiex bizzejjed illi l-atturi jelenkaw is-sieghat illi huma ghamlu fil-lukanda tal-konvenuti in konnessjoni ma din il-kwistjoni (liema sieghat jirrizultaw mid-dokumenti esibiti minn fol 37 sa fol 42 tal-process); il-prova rikjesta mill-atturi kellha twasssal ghal konkluzzjonjijiet illi dawn is-sieghat dedikati ghal kwistjoni relattiva ghal hsara fil-lift, kienu esklussivament prestati biex jiffacilitaw it-tiswija tal-apparat li kellu jsir minn terzi.

Min-ezami dettaljat tal-istess dokumenti jirrizulta pero illi l-maggor parti ta' l-attendenzi illi l-atturi qed jippretendu li jithallsu taghhom, kienu gew ipprestati definitivament fix-xahar ta' Marzu u mhux iktar tard mill-20 ta' Marzu tal-1998, kif indikat car fic-chit numru 85 a fol 41 tal-process, waqt li jirrizulta wkoll li, l-aparat gie fl-ahhar irriparat, istallat u l-lift operanti fid-9 t'April tal-1998, kif indikat fl-ittra tal-konvenuti tat-13 t'April tal-1998 a fol 23 tal-process, u liema allegazzjoni ma gietx ikkontestata.

Ghaldaqstant jidher iktar verosimili dak illi qeghdin jippretendu l-konvenuti cioe li effettivament il-maggor parti ta' l-attendenzi tal-atturi kienu relatati biss ma tentattivi ta' r-riparazzjoni li ma rrnexxewx, u li wasslu ghal parir, mhux accettat, ta' bdil tal-parti elettronika diffetuza. Ghalhekk l-istess prestazzjonijiet tal-atturi ma jistghux jigu kkunsidrati illi saru a beneficju tal-konvenuti meta definitivament ma kienux in konnessjoni mar-riparazzjonijiet riuxxiti, u jidher li kienu biss marbutin mat-tentattivi taghhom biex jaslu ghar-riparazzjonijiet u in segwitu ikkulminaw f'parir mhux accettat ta' bdil tal-parti difettuza.

Jirrizults pero wkoll illi l-kumpanija attrici, anke wara li saru r-riparazzjonijiet minn terzi, kienet effettivament indahlet ukoll biex taghmel l-istallazzjoni tal-parti elettronika riparata fil-lift u kienet ukoll indahlet biex twassal il-lift ghal funzjonament regolari u ta' dan il-kumpanija attrici ghandha jedd li tigi ikkompensata.

Izda billi l-Qorti ma tistghax tistabbilixxi kemm kienu is-sieghat illi hliet il-kumpanija attrici f'dawn l-operazzjonijiet li taghhom ghandha dritt li tithallas, trid bil-fors "arbitrio boni viri" tistabbilixxi somma illi tkun ekwa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u konsegwentement qedgha "arbitrio boni viri", tistabillixxi illi l-kumpanija attrici ghandha tigi kkumpensata ghas-servizzi minnha pprestati lill-kumpanija konvenuta fis-somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin).

Ghal dawn il-motivi qedgha ghalhekk tilqa t-talba attrici izda limitatament billi tiddikjara illi l-kumpens li ghalih il-kumpanija attrici  hija intitolata minghand il-kumpanija konvenuta  ghandhu jkun ta' mija u hamsin lira (Lm150) u konsegwentement qedgha tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu  lill-kumpanija attrici s-somma ta' Lm150 ( mija u hamsin lira Maltin), bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------